VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,866, 7 ta' Frar, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 59 tal-2012**

## ATT DWAR AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

### Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-*Metering* tal-Ilma li Jittella minn Taħt l-Art

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28 (1) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-*Metering* tal-Ilma li Jittella minn Taħt l-Art, u għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2010 dwar il-*Metering* tal-Ilma li Jittella minn Taħt l-Art hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Titolu.

A.L. 241 tal-2010.

**2.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

(a) it-tifsiriet "ġnien domestiku" u "sors domestiku tal-ilma ta' taħt l-art" għandhom jiġu mħassra;

(b) minnufih wara t-tifsira "l-Awtorità" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

"finijiet domestiċi mill-abitazzjoni domestika tal-utent" tfisser l-użu ta' kull sors tal-ilma ta' taħt l-art li jinsab ġo fond residenzjali u meta l-ilma ta' taħt l-art li jiġi mtella' jiġi użat għall-finijiet domestiċi, jew għat-tisqija ta' ġnien li ma jkunx ikbar minn elf metru kwadrat (1000$m^3$), jew biex jixorbu l-annimali miżmuma bħala annimali domestiċi;".

**3.** Is-subregolamenti (1) u (2) tar-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu mħassra u s-subregolamenti (3), (4) and (5) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subregolamenti (1), (2) u (3) rispettivament.

Jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 59 of 2012**

## MALTA RESOURCES AUTHORITY ACT
## (CAP. 423)

### Groundwater Abstraction (Metering) (Amendment) Regulations, 2012

IN exercise of the powers conferred article 28 (1) of the Malta Resources Authority Act, the Minister for Resources and Rural Affairs, after consultation with the Malta Resources Authority, has made the following regulations:

Title.

**1.** The title of these regulations is the Groundwater Abstraction (Metering) (Amendment) Regulations, 2012, and they shall be read and construed as one with the Groundwater Abstraction (Metering) Regulations, 2010 hereinafter referred to as "the principal regulations".

L.N. 241 of 2010.

Amends regulation 2 to the principal regulations.

**2.** Regulation 2 of the principal regulations shall be amended as follows:

(a) the definitions "domestic garden" and "domestic groundwater source" shall be deleted; and

(b) immediately after the definition "the Corporation" there shall be added the following new definition:

"domestic purposes by the user's household" means the use of any groundwater source which is located in a residential tenement and where the groundwater abstracted is used for household purposes, or for the irrigation of a garden which is not bigger than one thousand (1000) square metres, or for watering of animals kept as pets;".

Amends regulation 17 of the principal regulations.

**3.** Sub-regulations (1) and (2) of regulation 17 of the principal regulations shall be deleted and sub-regulations (3), (4) and (5) thereof shall be renumbered as sub-regulations (1), (2) and (3) respectively.

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.09